# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 15**

**Rikors numru 448/18/2 FDP**

**Joseph Demicoli u Paul Piscopo għan-nom u in rappreżentanza tal-Koperattiva Għaqda Koperattiva tas-Sajd Limited**

**v.**

**Angelic Mifsud f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Lambusa Maritime Company Limited (C-39329)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li l-atturi ressqu fl-10 ta' Mejju, 2018, u li jaqra hekk:

> "1. Illi b'rikors ġuramentat bin-numru 167/2016 SM fl-ismijiet *Joseph Demicoli u Paul Piscopo għan-nom u in rappreżentanza tal-Koperattiva Għaqda Koperattiva tas-Sajd vs Angelic Mijsud f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Lambusa Maritime Company*

*Limited* (**Dok A**) l-esponenti kienu talbu lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili jogħġobha:

***Tikkundanna lill-konvenuti*** *jħallsu s-somma ta' mija ħamsa u ħamsin elf u mija u tlieta u għoxrin ewro (EUR 155,123) bilanċ dovut mill-konvenuti bħala operator's fee oltre it-tmintax fil-mija [18%] VAT u bl-imgħax mill-1 ta' Diċembru 2011.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv.* (**enfasi tal- esponenti**)

2. Illi fis-sentenza mogħtija fis-7 ta' Marzu 2018 (Dok B) l-istess Qorti ddeċidiet hekk:

*Tirrespinġi r-risposti tal-intimat propria et nomine, limitatament skont kjf fuq spjegat;*

*Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti fil-limiti fuq spjegati;*

***Tikkundanna lis-soċjeta' intimata*** *tħallas lill-koperattiva rikorrenti l-ammont ta' €66,411.26 kif ġia' kanonizzat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq indikata, flimkien mal-canone relattiv dovut mit-30 ta' Novembru 2011, sal-31 ta' Diċembru, 2015, ammontanti għal mija sitta u erbgħin elf euro (€146,000.00), u dan, oltre t-taxxa tal-V.A.T. dovuta fuq l-istess ammont;*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet dovuti kif dedotti fir-rikors ġuramentat promotur kontra l-intimat propria et nomine (***enfasi tal-esponenti***).*

3. Illi għalhekk jirriżulta li fis-sentenza tagħha, il-Qorti, filwaqt li **kkundannat lis-soċjeta' intimata** naqset li tippronunzja ruħha dwar it-talba għall-kundanna tal-**konvenut Angelic Mifsud f'ismu proprju**, minkejja t-talba ċara tal-esponenti sabiex il-Qorti "*Tikkundanna lill-konvenuti*", ossia kemm lis-soċjeta' konvenuta Lambusa Maritime Company Limited u kif ukoll lill-konvenut Angelic Mifsud f'ismu proprju.

4. Illi fir-risposta ġuramentata tagħhom (**Dok C**) l-intimati ma ressqu l-ebda eċċezzjoni fis-sens li wieħed jew waħda minnhom ma humiex il-leġittimu kontradittturi u fl-ebda stadju tal-kawża ma tqajmet din il-kwistjoni.

5. Illi konsegwentement jidher ċar li bi żvista l-Qorti naqset li tiddeċiedi dwar talba speċifika imressqa mill-esponenti meta la kkundannat u wisq anqas illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju lill-Angelic Mifsud f'ismu proprju.

6. Illi għalhekk hemm lok għall-applikazzjoni ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 235 tal- Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u dawk kollha li jirriżultaw fil-kors tas-smigħ ta' din il-kawża, prevja kull dikjarazzjoni oħra li tista' tirriżulta meħtieġa, l-esponenti titlob reverentement li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1) Tiddikjara li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ħalliet barra fid-deċiżjoni tagħha fuq imsemmija waħda mit-talbiet tal-esponenti kif miġjuba fil-kawża numru 167/2016 SM fl-ismijiet *Joseph Demicoli u Paul Piscopo għan-nom u in rappreżentanza tal-Koperattiva Għaqda Koperattiva tas-Sajd vs Angelic Mijsud f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Lambusa Maritime Company Limited*.

2) Tippronunzja ruħha dwar it-talba fuq imsemmija billi, b'żieda ma' dak ġia deċiż fis-sentenza fl-istess ismijiet premessi mogħtija fis-7 ta' Marzu 2018, tikkundanna lill-konvenut Angelic Mifsud f'ismu proprju wkoll sabiex iħallas is-somma ta' mija, sitta u erbgħin elf Euro konvenuti (Eur 146,000) bilanċ dovut mill-konvenuti bħala operator's fee oltre it-tmintax fil-mija [18%] VAT u bl-imgħax mill-1 ta' Diċembru 2011, bl-ispejjeż u bl-imgħax kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv."

2. Rat ir-risposta tal-konvenut Angelic Mifsud proprio li in forza tagħha eċċepixxa:

"1. Illi huwa ġie notifikat bir-rikors li għalih qed issir din ir-risposta fit-18 ta' Mejju 2018. Illi għandu jiġi puntwalizzat, a skans ta' kull ekwivoku , illi n-notifika de quo taċ-ċitazzjoni ma għandhiex isservi bħala notifika fuq is-soċjeta' konvenuta wkoll, billi, inter alia, l-indirizz reġistrat tas-soċjeta' mhux fid-dar residenzjali tal-esponenti.

2. Illi preliminarjament irid jiġi pruvat illi fil-fatt dawn il-proċeduri inbdew wara d-debita riżoluzzjoni tal-Bord tad-diretturi u skond l-Istatut tas-soċjeta' rikorrenti. In mancanza ta' tali prova jsegwi illi allura l-kawża ma setgħetx ġiet istitwita.

3. Illi bla preġudizzju għall-premess u fil-mertu jiġi eċċepit illi sabiex is-soċjeta' attriċi jista' jkollha d-dritt tistitwixxi dawn il-proċeduri, dato ma non concesso, li kien hemm l-awtorizzazzjoni meħtieġa, trid tissodisfa l-artiklu ċitat minnha stess (235 tal-Kap 12). Dan mhux applikabbli għall-każ in eżami.

4. Illi l-artiklu ċitat mir-rikorrenti u li huwa l-bażi għall-azzjoni attriċi, wara l-ewwel proviso tiegħu, li, f'dan l-istadju, ma setax jiġi

użufruwit mir-rikorrenti għax il-perijodu hemm stabbilit entro il quale irid jiġi propost ir-rikors opportun (ta' ħmistax-il ġurnata dekorribbli mid-data tas-sentenza) jinsab skadut, jipprovdi hekk "*iżda, wkoll, kull waħda mill-partijiet tista' f'kull żmien li jkun, titlob quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad, bil-mezz ta' rikors ġuramentat, id-deċiżjoni tat-talba li ma ġietx deċiża*". Illi meta wieħed jeżżamina sewwa l-inkartament tal-kawża bin-numru 167/2016, u ċioe dik deċiża, issib li kien hemm talba WAĦDA biss u ċioe t-talba tal-kundanna għall-ħlas, liema talba ġiet deċiża permezz tas-sentenza relattiva tal-07 ta' Marzu 2018. Ma kien hemm ebda talba oħra u kwindi isegwi li l-proċedura adottata mir-rikorrenti mhix applikabbli għall-każ in deżamina.

5. Illi s-soċjeta' rikorrenti ġiet kanonizzata kreditriċi tas-Soċjeta' Lambusa Maritime Company Limited (u mhux tal-esponenti personalment} u ma kien hemm assolutament ebda talba oħra x'tiġi deċiża, u dan skond ma jirriżulta ampjament mill-kontenut tal-istess rikors ġuramentat u s-sentenza li kopja tagħha ġiet eżebita mar-rikors promotur.

6. Illi, sussidjarjament u bla preġudizzju għall-premess, fi kwalunkwe każ l-ammont likwidat mill-Qorti f'dik il-kawża lanqas ma huwa dak ta' €155,123, kif mitlub f'din il-kawża, għax il-Qorti llikwidat is-somma ta' €146,000, apparte t-taxxa tal-VAT, bħala s-somma dovuta lis-soċjeta' attriċi mis-soċjeta' konvenuta w ikkundannat lis-soċjeta' konvenuta tħallas dan l-ammont u għalhekk fi kwalunkwe każ it-talba attriċi ma tistax tintlaqa', kif proposta.

7. Ilium dan huwa l-istat ta' fatt, li ma jista' jmerih ħadd għax is-sentenza in kwistjoni għaddiet in ġudikat.

8. Illi fi kwalumkwe każ, u mingħajr preġudjzzju għal dak eċċepit supra, fl-inawspikata eventwalita' illi din il-Qorti ma takkolji ebda waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet, l-esponenti jissottometti umilment illi mill-ammont kanonizzat ta' €146,000 tħallset is-somma ta' €66,411.26 u kwindi l-kawża, kif proposta, mhix proponibbli fit-termini li ġiet proposta.

9. Dejjem bla preġudizzju għal dak fuq sottomess, l-ispejjeż kollha relattivi għal dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati esklussivament mill-atturi nomine stante li kienu huma li naqsu milli jużufruwixxu ruħhom mill-fakoltajiet l-oħra legali imsemmija wkoll taħt l-istess artiklu tal-liġi, li huma ferm anqas spendjużi minn dawn il-proċeduri. Għalhekk l-esponenti ma għandhom jiġu akkollati b'ebda spejjeż legali ta' dawn il-proċeduri.

10. Għaldaqstant it-talbiet attriċi mhux ġustifikati u għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż kontra tagħha."

3. Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Mejju, 2022, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża billi:

> "**Tiċħad** l-ewwel u tieni eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati.
>
> **Tiċħad** is-sitt, seba' u tmien eċċezzjoni ta' l-intimati għal dak li jirrigwarda l-ammont dovut u l-ammonti hemmhekk imsemmija f'dik l-eċċezzjoni li ma jistgħux jiġu mistħarrġa f'dan il-każ.
>
> **Tilqa'** t-tielet, raba', u ħames eċċezzjoni fil-mertu ta' l-intimati.
>
> **Tilqa'** d-disa' eċċezzjoni, fejn tiddikjara li l-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mir-rikorrenti.
>
> U għalhekk;
>
> **Ticċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti għall-motivi spjegati.
>
> **L-ispejjeż** għall-proċedura odjerna għandhom ikunu a kariku tar-rikorrenti in solidum bejniethom."

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "**Fatti tal-każ**
>
> 19. Jirriżulta li, fis-7 ta' Marzu 2018, permezz ta' deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fir-Rikors Numru 167/2016 fl-ismijiet '**Joseph Demicoli u Paul Piscopo, għan-nom u in rappreżentanza tal-Koperattiva Għaqda Koperattiva tas-Sajd Limited vs Angelic Mifsud f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Lambusa Maritime Company Limited**', il-Qorti laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti w ikkundannat lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' Ewro 146,000.00.
>
> 20. Jirriżulta li l-ilment tar-rikorrenti fil-każ in eżami, huwa dwar il-fatt li allegatament il-Qorti, fis-sentenza tagħha, meta ikkundannat lis-soċjeta' intimata naqset li tippronunzja ruħha dwar it-talba għall-kundanna tal-konvenut Angelic Mifsud f'ismu proprju, minkejja t-talba ċara tar-rikorrent sabiex il-Qorti tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta Lambusa Maritime Company Limited u kif ukoll lill-konvenut Angelic Mifsud f'ismu proprju.
>
> 21. Għalhekk, ir-rikorrenti ipproċedew bil-vertenza odjerna abbażi tal-artikolu 235 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**L-Ewwel eċċezzjoni preliminari**

22. Tramite l-ewwel eċċezzjoni, ġie eċċepit, li n-notifika taċ-ċitazzjoni odjerna ma għandhiex isservi bħala notifika fuq is-soċjeta' konvenuta wkoll, billi l-indirizz tas-soċjeta' mhuwiex fid-dar residenzjali ta' Angelic Mifsud.

23. Jiġi osservat, li fir-risposta tiegħu l-intimat Angelic Mifsud irrisponda proprio u semma' wkoll dak li jirrigwarda lis-soċjeta' konvenuta.

24. Għalhekk, l-argument dwar il-kwistjoni tan-notifika sollevata f'din l-eċċezzjoni ma jreġġix.

25. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari.

**It-Tieni eċċezzjoni preliminari**

26. Fit-tieni eċċezzjoni, ġie eċċepit li jrid jiġi ppruvat li dawn il-proċeduri inbdew wara d-debita riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi u skont l-Istatut tas-soċjeta' rikorrent. In mankanza ta' tali prova, ġie eċċepit li din il-kawża ma setgħetx tiġi istitwita.

27. Dwar dan il-punt, ir-rikorrenti stqarrew fis-sottomissjonijiet, li dan il-punt diġa ġie mqajjem kemm fil-Mandat ta' Inibizzjoni 765/18, ippreżentat kontestwalment ma' dan il-każ, kif ukoll fil-każ 72/12 ippreżentat fl-atti tal-każ 167/2016.

28. Il-Qorti tosserva, li dan il-punt ma ġiex deċiż fl-atti tal-Mandat ta' Inbizzjoni stante li l-Qorti ma daħlitx fl-istħarriġ fil-mertu, għaliex dak jirrikjedi biss stħarriġ *prima facie*.

29. Minn naħa l-oħra, jirriżulta, li din l-istess eċċezzjoni kienet ġiet sollevata f'kawża oħra, bejn il-partijiet, ossija Rikors Ġuramentat Nru 72/12 fl-ismijiet '**Joseph Demicoli et vs Angelic Mifsud f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' Lambusa Maritime Company Limited**'. Jirriżulta illi dawn il-proċeduri ġew deċiżi finalment mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta' Frar 2016, u s-sentenza tinsab eżebita fl-atti tal-każ 167/2016 (a fol 21), liema proċeduri 167/2016 ġew ukoll annessi mal-proċeduri odjerni.

30. Jirriżulta li din l-istess eċċezzjoni, li qed tiġi hawn sollevata kienet sollevata fil-każ 72/12 u l-ewwel Qorti iddeċidiet hekk:

> *"B'referenza għat-tielet eċċezzjoni, l-Qorti tosserva li:*
>
> *i. F'minuta ta' laqgħa li saret fis-7 ta' Novembru 2011, il-kumitat tal-koperattiva attriċi iddeċieda li jsir kuntatt mal-avukat biex jittieħdu passi kontra d-debituri (ara fol.81).*

*ii. Skont l-Istatut tal-Koperattiva, il-President u s-Segretarju għandhom ir-rappreżentanza ġudizzjarja (fol 118).*

*iii. Mill-provi jirriżulta li Paul Piscopo hu s-Segretarju filwaqt li Joseph Demicoli hu l-President. Il-kawża ġiet proposta f'isem dawn il-persuni għan-nom tal-Koperattiva tas-Sajd.*

*Fiċ-ċirkostanzi, it-tielet eċċezzjoni hi bla bażi."*

31. Jiġi puntwalizzat, li dan il-punt rigward din it-tielet eċċezzjoni ma kienx ġie appellat.

32. Din il-Qorti tirritjeni, li f'każ bħal dan in eżami, din il-Qorti ma hijiex Qorti tat-tielet istanza, kif donnu jagħti x'jifhem l-intimat b'tali eċċezzjoni, u mhuwiex lok, li jiġu sollevati u kkunsidrati mill-ġdid eċċezzjonijiet diġa sollevati u diġa deċiżi kif jirriżulta minn dan *supra citat*, f'vertenza bejn l-istess partijiet, liema każ ġie deċiż minn din il-Qorti diversamet preseduta. Evidentement, mhuwiex lok, li jerġgħu jiġu sollevati eċċezzjonijiet diġa deċiżi.

33. Apparti minn hekk, jingħad illi din il-Qorti taqbel ma' dak deċiż fil-każ 72/12 dwar din l-eċċezzjoni partikolari.

34. Fid-dawl tas-suespost, tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari.

35. Għaldaqsant, din il-Qorti qed tirrespinġi t-tieni eċċezzjoni preliminari.

**Ikkunsidrat**

36. Jirriżulta, illi r-rikorrenti qiegħed, permezz tal-azzjoni preżenti, jitlob li dina l-Qorti tagħti deċiżjoni fuq waħda mit-talbiet tar-rikorrenti kif miġjuba fil-kawża 167/2016 fl-ismijiet Joseph Demicoli u Paul Piscopo għan-nom u in rappreżentanza tal-Koperattiva Għaqda Koperattiva tas-Sajd vs Angelic Mifsud deċiża fis-7 ta' Marzu 2018 li, skond ir-rikorrent, l-Ewwel Qorti kienet naqset milli tiddeċiedi.

37. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi Angelic Mifsud sostna fir-risposta tiegħu, li s-soċjeta' rikorrenti Lambusa Maritime Company Limited (mhux Mifsud personalment) ġiet kanonizzata kreditriċi, u ma kien hemm l-ebda talba oħra x'tiġi deċiża kif sostnut mir-rikorrenti fil-proċedura odjerna. Inoltre`, ġie sostnut ukoll, li diġà tħallas l-ammont ta' €66,411.26 mill-ammont totali ta' €146,000, biex b'hekk il-kawża mhijiex permissibbli fit-termini kif proposta. Di piu`, ġie eċċepit li l-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mir-rikorrenti għaliex naqsu milli jużufruwixxu ruħhom, mill-fakultajiet legali imsemmija fl-artikolu tal-liġi.

**Mertu tal-każ**

38. Jibda biex jingħad, li kif sottomess mill-istess rikorrenti, din il-kawża ġiet intavolata a tenur tal-artikolu **235 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. F'dan il-kuntest, l-**Artikolu 235 tal-Kap 12** jipprovdi hekk:

> *"Meta l-qorti tal-ewwel grad tħalli barra fid-deċiżjoni waħda mit-talbiet proposti, ma jingħatax appell ab omissia decisione.*
>
> *Iżda kull waħda mill-partijiet, tista' fiż-żmien ta' ħmistax-il jum minn dak inhar tas-sentenza, bil-mezz ta' rikors, titlob lill-qorti tal-ewwel grad li taqta' dik it-talba, u fuq dan ir-rikors, wara li l-partijiet jiġu imħarrkin mill-ġdid, il-qorti tiddeċiedi fuq dik it-talba, u fuq dan ir-rikors wara li l-partijiet jiġu imħarrkin mill-ġdid, il-qorti tiddeċiedi fuq dik it-talba, f'dan il-każ, iż-żmien għall-appell mis-sentenza kollha, jew minn kull parti minnha, jibda jgħodd minn dakinhar tal-aħħar deċiżjoni.*
>
> *Iżda, ukoll, kull wahda mill-partijiet tista' f'kull żmien li jkun, titlob quddiem il-Qorti tal-ewwel grad, bl-mezz ta' rikors ġuramentat, id-deċiżjoni tat-talba li ma ġietx deċiża."*

39. L-istess rikorrenti, fis-sottomissjonijiet tagħhom, irrilevaw, li din il-kawża hija imsejsa fuq l-aħħar proviso ta' dan l-artikolu, u dan peress li qed iressqu talba permezz ta' din il-proċedura, għal talba li ma ġietx deċiża fil-kawża 167/2016 suċitata.

40. Il-Qorti, hawnhekk, tibda biex tosserva illi, qabel xejn, trid tiġi analizzata t-talba fil-każ 167/2016, u dak deċiż minn dik il-Qorti, u għal dan il-għan ġew allegati l-atti tal-kawża innifisha għall-eżami aktar akkurat ta' dak ilmentat.

41. Jirriżulta li t-talba li r-rikorrenti qed jirreferu għaliha, u li qed jilmentaw li ma ġietx deċiża, hija s-segwenti:

> *"Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma ta' mija ħamsa u ħamsin elf u mija u tlieta u għoxrin ewro (€155,123) bilanċ dovut mill-konvenuti bħala operator's fee oltre it-tmintax fil-mija (18%) VAT u bl-imgħax mill-1 ta' Diċembru 2011.*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-imgħax kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv."*

42. Jirriżulta illi fil-każ 167/2016, fid-deċiżjoni finali tagħha, għal din it-talba, fid-decide ġie deċiż hekk:

> *"Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti fil-limiti fuq spjegati;*
>
> *Tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas lill-Koperattiva rikorrenti l-ammont ta' €66,411.26 kif ġia kanonizzat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq indikata, flimkien mal-canone relattiv dovut mit-30 ta' Novembru 2011 sal-31 ta' Diċembru 2015, ammontanti għal mija, sitta u erbgħin elf ewro (€146,000.00) u dan, oltre` t-taxxa tal-VAT dovuta fuq l-imsemmi ammont.*

> *Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet dovuti kif dedotti fir-rikors ġuramentat promotur kontra l-intimat proprio et nomine.”*

43. Minn analiżi tat-talbiet u tad-decide, f’dan il-każ, din il-Qorti tosserva li ma jirriżultax li hemm xi talba li ma ġietx deċiż mill-Qorti fil-każ 167/2016.

44. F’dan il-każ, ir-rikorrenti qed jissottomettu, li t-talba suċitata mhijiex talba waħda iżda tinkorpora fiha żewġ talbiet.

45. Din il-Qorti, eżaminat l-atti kollha, tirritjeni li dan mhuwiex assolutament korrett – it-talba li kellha l-Ewwel Qorti kienet talba waħda u mhux żewġ talbiet, liema talba ġiet deċiża mill-Qorti b’mod li kkundannat lis-soċjeta intimata tħallas l-ammont ta’ €146,000.00. Tant hu hekk, li l-istess rikorrenti, fis-sottomissjonijiet jirreferu għall-ilment tagħhom dwar id-deċiżjoni tal-Qorti fil-każ 167/2016 bħala *lapsus calimi*.

46. Jiġi puntwalizzat, li l-artikolu 235, li fuqu hija imsejsa din l-azzjoni, ma titkellimx dwar *lapsus calimi*, iżda dwar <u>meta talba ma tiġix deċiża</u>. Il-kliem fl-artikolu 235 tal-Kap 12 huwa ċar, u jgħid ċar li tapplika <u>**meta id-deċiżjoni tat-talba ma ġietx deċiża**</u>.

47. Fil-każ taħt eżami, ma hemm ebda dubju, mill-assjem tal-atti u d-deċiżjoni ta’ l-Ewwel Qorti, li l-unika talba li kien hemm ġiet deċiża, tant li l-Qorti ikkundannat lis-soċjeta’ intimata Lambusa Maritime Company Limited tħallas l-ammont ta’ €146,000.

48. Il-fatt li r-rikorrenti ma qablux ma’ din id-deċiżjoni u riedu li Angelic Mifsud personalment ukoll jiġi kkundannat iħallas l-imsemmi ammont, ċertament ma jammontax għal talba li ma ġietx deċiża.

49. Għalhekk, hawnhekk, non si tratta ta’ mankanza ta’ deċiżjoni dwar domanda li kienet tirrikjedi pronunzjament, kif qed isostnu r-rikorrenti. Kif tajjeb sottolineat mill-intimat, fis-sottmissjonijiet tagħhom, li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili huwa di stretta interpretazzjoni, b’hekk ma jistax jiġi ikkunsidrat li kien hemm talba li ma ġietx deċiża fil-każ in diżamina.

50. Kif tajjeb ritenut mill-abbli difensur ta’ l-intimat, it-talba fil-każ 167/2016 kienet talba waħda kontra żewġ konvenuti. Għalhekk, ma kien hemm l-ebda talba oħra x’tiġi deċiża, u ma kien hemm l-ebda *ommissia decisione*, kuntrarjament għal dak sostnut mir-rikorrenti f’din il-proċedura.

51. Il-fatt, li l-ewwel Qorti fil-każ 167/2016 ikkundannat biss lis-sożjeta’ intimata Lambusa Maritime Company Limited, u mhux ukoll lill-intimat ukoll bħala personalmet responsabbli, ma kienx bl-ebda mod *ommissia decisione*.

52. F'dan il-kuntest, jiġi osservat ukoll, li r-rikorrenti setgħu jintavolaw appell mid-deċiżjoni 167/2016 iżda dan ma sarx.

53. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma, li l-allegat dritt li qed jittentaw jiprevalixxu ruħhom minnu ir-rikorrenti, ma jeżistix.

54. Huwa ċar illi, permezz ta' din il-proċedura, r-rikorrenti ittentaw jottjenu ri-interpretazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija fil-każ 167/2016, probabbilment dettat ukoll mill-fatt illi r-rikorrenti kienu naqsu milli jdaħħlu appell mid-deċiżjoni oriġinali mogħtija fis-7 ta' Marzu 2018 u għalhekk, f'tentattiv sabiex isalvaw is-sitwazzjoni, preżentaw il-proċeduri odjerni xahrejn wara.

55. Għaldaqstant, mingħajr ebda dubju, hawnhekk, it-talba a tenur tal-artikolu 235 tal-Kap 12 ma tistax tintlaqa', proprju għaliex fil-każ 167/2016 ma kien hemm l-ebda talba oħra li kellha tiġi deċiża u ma ġietx deċiża, kif *del resto* jistipula l-artikolu 235 tal-Kap 12.

56. Finalment, jiġi nnutat ukoll, referibbilment għall-provi li tressqu f'dan il-każ mill-intimati, rigwardanti l-mertu involut fil-każ 167/2016, dawn ma jistgħux jitqiesu relevanti f'din il-proċedura. L-intimat f'dan il-każ, issoleva l-eċċezzjoni, li mill-ammont ta' €146,000.00 diġa tħallas l-ammont ta' €66,411.26, b'hekk tressqu provi dokumentarji dwar dan.

57. L-intimat f'din l-istess eċċezzjoni tiegħu, sostna li l-kawża odjerna kif proposta, mhijiex proponibbli fit-termini li ġiet proposta. Madankollu, din il-Qorti, ma taqbilx ma' dak eċċepit f'din l-eċċezzjoni dwar l-allegat ammont ta' €66,411.26 li ġie mħallas. Jiġi ritenut, fl-ewwel lok, li a tenur tal-artikolu 235 tal-Kap 12, ma huwa permess l-ebda stħarriġ ulterjuri fil-mertu tal-każ, u dana peress illi l-unika talba illi kienet saret, di fatti ġiet deċiża, u għalhekk ma hemm xejn aktar x'jiġi kkunsidrat minn dina l-Qorti.

58. Huwa proprju għal din ir-raġuni, li l-provi prodotti mill-intimat, b'referenza għal dan l-allegat ħlas li diġa ġie saldat, fil-każ in eżami mhumiex relevanti.

59. In vista tas-suespsot, filwaqt illi tilqa' t-tielet, raba' u ħames eċċezzjoni, tiċħad is-sitt, seba' u tmien eċċezzjoni għal dak li jirrigwarda l-ammont dovut.

**L-eċċezzjoni dwar l-ispejjeż**

60. Tramite d-disa' eċċezzjoni ġie eċċepit, li l-ispejjeż kollha relattivi għal dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati esklussivament mir-rikorrenti nomine stante li huma naqsu milli jużufruwixxu ruħhom mill-fakoltajiet l-oħra legali disponibbli, għalhekk l-intimati m'għandhomx jiġu addebitati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

61. Kif diġa ribadit, ir-rikorrenti proċedew b'dan il-każ a tenur tal-Artikolu 235 tal-Kap 12, meta l-każ taħt eżami ma seta' qatt jirnexxi ai termini ta' dan l-artikolu. Għalhekk, kif sewwa eċċepit fid-disa' eċċezzjoni, ir-rikorrenti setgħu jipproċedu b'mezzi legali oħra. Setgħu jipproċedu b'appell tal-każ 167/2016, iżda minflok intavolaw il-każ odjern abbażi tal-artikolu 235 tal-Kap 12, presumibbilment, kif ġia osservat aktar 'il fuq, għax it-terminu tal-appell kien skada mingħajr ma huma ppreżentaw ebda appell.

62. Għaldaqstant, ikkunsidrati il-fatti u ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, din il-Qorti ser taddebita l-ispejjeż ta' dan il-każ lir-rikorrenti.

63. Għalhekk, tilqa' limitatament id-disa' eċċezzjoni, ossija billi tiddeċiedi dwar l-ispejjeż biss ta' dan il-każ, billi tiddikjara li l-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mir-rikorrenti.

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti:

"joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet *Joseph Demicoli u Paul Piscopo ghan-nom u in rappresentanza tal-Koperattiva Ghaqda Koperattiva tas-Sajd vs Angelic Mifsud f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Lambusa Maritime Company Limited (C-39329)* deciza fis-26 ta' Mejju 2022 u konsegwentement tilqa' it-talbiet kollha tar-rikorrenti appellanti u tiddikjara li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili halliet barra fid-decizjoni taghha wahda mit-talbiet tal-esponenti kif migjuba fil-kawza numru 67/2016 SM fl-ismijiet premessi u tippronunzja ruhha dwar it-talba fuq imsemmija billi, b'zieda ma dak gja deciz fis-sentenza fl-istess ismijiet premessi moghtija fis-7 ta' Marzu 2018, tikkundanna lill-konvenut Angelic Mifsud f'ismu proprju wkoll sabiex ihallas is-somma hemmhekk likwidata, bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-appellanti taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati."

6. Rat ir-risposta ta' Angelic Mifsud proprio li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, jissottometti:

"illi l-appell intavolat mill-Koperattiva attrici ma jistax jigi akkolt u ghandu jigi michud bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra taghha u b'hekk is-sentenza appellata tigi konfermata fit-totalita` taghha."

7. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu reċentement permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat il-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

9. Illi f'din il-kawża l-atturi qed jallegaw illi fil-kawża bejn l-istess partijiet, rikors numru 167/16, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, li ddeċidiet il-kawża fis-7 ta' Marzu, 2018, ma ddeċidietx waħda miż-żewġ talbiet li ressqu. Huma qed isostnu illi dik il-kawża saret kontra żewġ persuni, waħda fiżika, u ċioè, Angelic Mifsud, u l-oħra morali, u ċioè, Lambusa Maritime Co. Ltd., iżda l-Qorti f'dik il-kawża ddeċidiet il-kawża fil-konfront biss tas-soċjetà konvenuta. L-atturi, għalhekk, qed jitolbu skont proviso għall-Artikolu 235 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) li tingħata deċiżjoni tat-talba li ma ġietx deċiża; dan ikun jista' jsir "*f'kull żmien li jkun*".

10. L-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba attriċi wara li osservat illi fil-kawża l-oħra (dik bin-numru 167/16) kien hemm talba waħda li ġiet deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili.

11. L-atturi appellaw mis-sentenza u jsostnu li l-kawża tagħhom kontra Angelic Mifsud *proprio* baqgħet ma ġietx deċiża.

12. Din il-Qorti tgħid mill-ewwel illi ma taqbilx mal-appell tal-atturi. L-attur fil-kawża l-oħra ressaq biss talba waħda u din ġiet deċiża. Il-proviso tal-artikolu fuq imsemmi jgħid li tista' tintalab li tkun deċiża talba li ma ġietx deċiża, mentri hawnhekk l-unika talba li saret ġiet fil-fatt deċiża.

13. Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fuq riferita ttrattat il-kawża fil-konfront taz-zewġ konvenuti, tant li rriferiet għall-konvenut *proprio et nomine* kemm-il darba fil-konsiderazzjonijiet tagħha, iżda lejn l-aħħar sabet li r-relazzjoni kuntrattwali kienet biss bejn l-attur u s-soċjetà konvenuta, u, għalhekk, il-kundanna saret biss fil-konfront ta' din is-soċjetà. Hu veru li kien ikun aħjar li kieku l-Qorti fil-kawża l-oħra ċaħdet espressament it-talba attriċi fil-konfront tal-konvenut *proprio*, però, huwa magħruf li d-deċiżjoni ta' qorti tista' toħroġ mhux biss mid-*decide*, iżda mill-konsiderazzjonijiet li wasslu lil qorti għal dik id-*decide*. Is-sentenza hi waħda u sakemm ma hemmx kontradizzjonijiet bejn il-kunsiderazzjonijiet u d-*decide*, dik is-sentenza torbot għal dak kollu li tgħid. Dik il-Qorti kienet ben konxja li l-kawża saret kontra persuna f'isimha proprju u f'isem il-kumpanija, imma dehrilha li kellha tikkundanna biss lis-soċjetà. Ma sarx appell kontra dik is-sentenza u l-attur ma jistax

issa jipprova jerġa' jqajjem dibattitu dwar ir-responsabilità tal-konvenut personalment.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi *nomine* billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti, bl-ispejjeż kollha jitħallsu mill-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr